# AĠENDA DIĠITALI GĦALL-EWROPA

Mill-1995 'l hawn, it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICTs) ġabu magħhom aktar produttività u tkabbir fl-UE[1]. F'dawn l-aħħar tletin sena, il-"konverġenza" teknoloġika ċajpret il-linja bejn it-telekomunikazzjoni, ix-xandir u l-IT. Il-Kummissjoni varat is-suq uniku diġitali fl-2015 biex twettaq il-proposti leġiżlattivi ewlenin, pereżempju li tingħata spinta lill-kummerċ elettroniku, id-drittijiet tal-awtur, il-privatezza elettronika, l-armonizzazzjoni tad-drittijiet diġitali, l-armonizzazzjoni tar-regoli tal-VAT u ċ-ċibersigurtà.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

Filwaqt li t-Trattati ma fihom l-ebda dispożizzjoni speċjali għall-ICTs, l-UE tista' tieħu azzjonijiet rilevanti fil-qafas tal-politiki settorjali u orizzontali, fosthom: il-politika industrijali (l-Artikolu 173 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE); il-politika tal-kompetizzjoni (l-Artikoli 101-109); il-politika kummerċjali (l-Artikoli 206 u 207); in-networks trans-Ewropej (TENs) (l-Artikoli 170-172); ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-ispazju (l-Artikoli 179-190); l-approssimazzjoni tal-liġijiet biex jittejjeb l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern (l-Artikolu 114); il-moviment liberu tal-merkanzija (l-Artikoli 28, 30 u 34-35); il-moviment liberu tal-persuni, is-servizzi u l-kapital (l-Artikoli 45-66); l-edukazzjoni, il-formazzjoni vokazzjonali, iż-żgħażagħ u l-isport (l-Artikoli 165 u 166); u l-kultura (l-Artikolu 167). Dawn huma lkoll elementi kruċjali għal Ewropa Diġitali.

## L-OBJETTIVI

L-Aġenda Diġitali għall-Ewropa[2] (DAE), li tibni fuq l-Istrateġija ta' Lisbona, ġiet maħsuba bħala waħda mis-seba' inizjattivi emblematiċi tal-istrateġija Ewropa 2020 adottata mill-Kummissjoni. L-aġenda ġiet ippubblikata f'Mejju 2010 bil-għan li tiddefinixxi r-rwol ewlieni ta' faċilitatur li se jkollhom jiżvolġu l-ICTs biex l-Ewropa tirnexxi fl-objettivi ambizzjużi tagħha għall-2020. Biex jiġi żgurat ambjent diġitali ġust, miftuħ u sigur, il-Kummissjoni bniet l-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali fuq tliet pilastri: it-titjib fl-aċċess tal-konsumaturi u l-impriżi għall-prodotti u s-servizzi diġitali fl-Ewropa kollha; il-ħolqien tal-kundizzjonijiet it-tajba biex in-networks u s-servizzi diġitali jiffjorixxu u l-massimizzazzjoni tal-potenzjal għat-tkabbir tal-ekonomija diġitali.

[1]Tabella ta' valutazzjoni diġitali — http://ec.europa.eu/digital-agenda/en/scoreboard
[2]Aġenda Diġitali għall-Ewropa — https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/europe-2020-strategy

## IL-KISBIET

Mill-ftuħ tas-suq tat-telekomunikazzjoni għal kompetizzjoni sħiħa fl-1 ta' Jannar 1998 u l-bidu tal-implimentazzjoni tagħha, il-proposti leġiżlattivi prinċipali stabbiliti fl-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali bħala prijoritajiet bdew isiru realtà.

L-ewwel nett beda jingħata aċċess aħjar lill-konsumaturi u n-negozji għall-prodotti u s-servizzi diġitali fl-Ewropa, u l-UE ngħatat sistema avvanzata ta' drittijiet tal-utenti u protezzjoni għall-konsumaturi u n-negozji, li tinkludi:

— tnaqqis fil-prezzijiet tal-komunikazzjoni elettronika u t-tmiem tat-tariffi tar-roaming fl-14 ta' Ġunju 2017 ("Roam Like At Home")[3];

— titjib fil-konnettività tal-internet għal kulħadd b'kopertura komprensiva bażika tal-broadband, primarjament minħabba l-iżviluppi fil-broadband mobbli u bis-satellita biex tiġi żviluppata konnettività tal-gigabits għall-muturi soċjoekonomiċi kollha ewlenin bl-użu armonizzat tal-faxxa ta' frekwenzi 470-790 MHz fl-Unjoni u l-ftuħ tal-broadband għal internet mobbli 5G sal-2020; kalendarju komuni għall-varar kummerċjali koordinat tal-5G fl-2020; Wi-Fi bla ħlas offrut f'hotspots għaċ-ċittadini u l-viżitaturi fl-ispazji pubbliċi kullimkien fl-Ewropa permezz ta' WiFi4EU[4]; faxxa 700 Mhz ta' kwalità għolja; u fond tal-broadband għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (b'appoġġ għall-infrastrutturi tan-networks diġitali);

— protezzjoni aħjar għall-konsumaturi fil-qasam tat-telekomunikazzjoni permezz tal-leġiżlazzjoni dwar il-privatezza (id-Direttiva 2009/136/KE) u l-protezzjoni tad-data (id-Direttiva 95/46/KE), imtejba ulterjorment bil-qafas regolatorju l-ġdid dwar il-protezzjoni tad-data (ir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva (UE) 2016/680); bit-tisħiħ tal-mandat tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni (ENISA)[5] wara l-adozzjoni tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-16 ta' April 2013, segwita mill-proposta tal-Kummissjoni u s-Summit ta' Tallinn; bil-ħolqien ta' pjattaforma online għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn il-konsumaturi u n-negozjanti[6]; bil-ħolqien tal-pjattaforma online giponet.org, li tgħin biex tagħmel l-implimentazzjoni tal-governanza tal-internet aktar demokratika u faċli biex tintuża[7]; bil-leġiżlazzjoni dwar l-imblukkar ġeografiku li timpedixxi diskriminazzjoni diretta u indiretta abbażi tan-nazzjonalità tal-konsumaturi, il-post tar-residenza jew il-post ta' stabbiliment fit-tranżazzjonijiet kummerċjali transfruntiera bejn in-negozjanti u l-konsumaturi fl-UE; bl-awtorizzazzjoni tal-użu tad-drittijiet tal-awtur għall-persuni li jkollhom diffikultà biex jaqraw materjal stampat; bl-introduzzjoni tan-numru uniku Ewropew tal-emerġenzi 112 (id-Direttiva 2009/136/KE), il-helpline 116000 għat-tfal irrappurtati nieqsa, il-

[3]Dikjarazzjoni konġunta maħruġa mill-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea fl-14 ta' Ġunju 2017: http://europa.eu/rapid/press-release_STATEMENT-17-1590_mt.htm
[4]Adottat mill-Kunsill fid-9 ta' Ottubru 2017: https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2017/10/09/free-wifii4eu-internet-hotspots/
[5]Ir-Regolament (UE) 526/2013.
[6]Il-pjattaforma hija aċċessibbli fuq http://ec.europa.eu/consumers/odr/ u hawnhekk tista' ssib informazzjoni addizzjonali: https://ec.europa.eu/info/live-work-travel-eu/consumers/resolve-your-consumer-complaint_mt
[7]Il-pjattaforma ġiet varata mill-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mal-Osservatorju Globali tal-Politika tal-Internet (GIPO), fit-22 ta' April 2015.

helpline 116111 tat-tfal u l-helpline 116123 għal appoġġ emozzjonali; u bil-possibbiltà li persuna tibdel l-operatur tat-telefonija fissa jew mobbli fi żmien ġurnata xogħol waqt li żżomm in-numru tat-telefon oriġinali, l-hekk imsejħa "portabbiltà tan-numru" (id-Direttiva 2009/136/KE).

It-tieni, biex jinħolqu l-kundizzjonijiet it-tajba sabiex in-networks u s-servizzi diġitali jiffjorixxu fil-livell tal-UE, il-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) (stabbilit bir-Regolament (UE) 2018/1971) jipprevedi l-kooperazzjoni bejn ir-regolaturi nazzjonali u l-Kummissjoni u jippromwovi l-aħjar prattiki u approċċi komuni, filwaqt li jara li tiġi evitata regolamentazzjoni inkonsistenti li tista' tfixkel il-kompetizzjoni fis-suq uniku tat-telekomunikazzjoni. Fir-rigward tal-ġestjoni tal-ispettru, il-programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju jistabbilixxi d-direzzjonijiet u l-objettivi tal-politika għall-ippjanar strateġiku u l-armonizzazzjoni tal-ispettru tar-radju. Dan jiżgura li s-suq intern jiffunzjona fl-oqsma tal-politika tal-Unjoni li jinvolvu l-użu tal-ispettru, bħall-komunikazzjoni elettronika, ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-ispazju, it-trasport, l-enerġija u l-politika awdjoviżiva.

It-tielet nett, l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa għandha l-għan li timmassimizza l-potenzjal għat-tkabbir tal-ekonomija diġitali, billi tippromwovi l-ħiliet diġitali u informatika ta' livell għoli, id-diġitalizzazzjoni tal-industrija u s-servizzi, l-iżvilupp tal-intelliġenza artifiċjali u l-modernizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi[8]. Ġew adottati regoli ġodda dwar il-portabbiltà tas-servizzi diġitali biex, meta jkunu f'pajjiż ieħor tal-UE, il-konsumaturi jkollhom aċċess għall-kontenut online li jkunu ħallsu għalih f'pajjiżhom. Dawn ir-regoli bdew japplikaw mill-1 ta' April 2018.

Ewropa adatta għall-era diġitali issa hija prijorità ewlenija għall-UE. Fis-sensiela reċenti ta' komunikazzjonijiet li ħarġet dwar l-intelliġenza artifiċjali[9] u l-istrateġija għad-data[10], il-Kummissjoni għamlet enfasi fuq il-ħolqien ta' suq uniku għad-data, b'mod partikolari d-data industrijali u kummerċjali, bħala mutur ewlieni tal-ekonomija diġitali.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament huwa favur politika robusta u avvanzata fil-qasam tal-ICTs u kien attiv ħafna fl-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, il-Parlament ikkontribwixxa kontinwament biex tinżamm l-enfasi fuq kwistjonijiet relatati mal-ICTs, permezz ta' rapporti fuq inizjattiva proprja, mistoqsijiet orali u bil-miktub, studji[11], workshops[12], opinjonijiet u riżoluzzjonijiet, kif ukoll permezz ta' appelli għal koordinazzjoni akbar fl-isforzi nazzjonali għall-iżvilupp ta' servizzi pan-Ewropej u appoġġ min-naħa tal-UE għar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tal-ICTs[13].

---

[8]Il-Prim Ministru tal-Estonja Jüri Ratas dwar is-Summit Diġitali ta' Tallinn.
[9]COM(2020)0065.
[10]COM(2020)0066.
[11]It-Think Tank tal-PE: http://www.europarl.europa.eu/aboutparliament/mt/0083c7a4db/Think-Tank.html#studies
[12]Il-Kumitati tal-Parlament Ewropew: http://www.europarl.europa.eu/committees/mt/events.html?id=workshops#documents
[13]"Ubiquitous Developments of the Digital Single Market", studju mħejji għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur tal-Parlament Ewropew, 2013: http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/etudes/join/2013/507481/IPOL-IMCO_ET(2013)507481_EN.pdf

Il-Parlament enfasizza l-bżonn li jintuża l-ispettru tad-"dividend diġitali" biex iċ-ċittadini kollha tal-UE jkollhom aċċess għall-broadband, u enfasizza li hemm bżonn aktar azzjoni biex jiġi żgurat aċċess veloċi u kullimkien għall-broadband, kif ukoll litteriżmu u kompetenzi diġitali għaċ-ċittadini u l-konsumaturi kollha. Fl-istess ħin il-Parlament jippromwovi bil-qawwa n-newtralità teknoloġika, in-"newtralità tal-internet" u l-"libertajiet tal-internet" għaċ-ċittadini Ewropej, kif ukoll miżuri dwar l-aċċess għal jew l-użu ta' servizzi u applikazzjonijiet permezz tan-networks tat-telekomunikazzjoni, abbażi tar-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali taċ-ċittadini. Dawn il-miżuri jridu jiżguraw ukoll li l-fornituri tas-servizz tal-internet ma jillimitawx il-kapaċità tal-utenti li jiksbu aċċess għal kontenut u applikazzjonijiet u/jew li jużaw is-servizzi tal-għażla tagħhom[14].

Il-Parlament qed jikkonsolida dawn il-garanziji sistematikament permezz tal-leġiżlazzjoni. Qiegħed fuq quddiem nett fit-tneħħija tal-ostakli fis-Suq Uniku Diġitali u l-modernizzazzjoni tar-regoli tal-telekomunikazzjoni tal-UE għall-prodotti u s-servizzi diġitali u tad-data tal-lum biex tiġi massimizzata d-diġitalizzazzjoni tas-setturi tas-servizzi Ewropew u b'hekk jinħolqu impjiegi u opportunitajiet ġodda. L-għan hu li tingħata spinta lill-kummerċ transfruntier, jiġu armonizzati r-regoli kuntrattwali diġitali, jiġu żgurati servizzi ta' konsenja transfruntiera tal-pakketti bi prezzijiet aċċessibbli, jiġi appoġġjat il-fluss liberu tad-data mhux personali u jiġu implimentati proċeduri aktar sempliċi għad-dikjarazzjoni tal-VAT. Għalhekk, il-Parlament tejjeb l-aċċess għad-data u t-trasferiment tagħha għal kulħadd bil-ħolqien ta' standards dwar in-newtralità tan-networks, l-armonizzazzjoni tal-użu tal-faxxa ta' frekwenzi 470-790 MHz, l-appoġġ għal konnessjonijiet tal-WiFi bla ħlas fl-ibliet u l-irħula kollha (Wifi4EU), l-investiment f'informatika ta' livell għoli u fil-cloud tax-xjenza (il-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa) u t-tmiem tat-tariffi tar-roaming fit-territorju tal-UE. Il-Parlament beda u lesta xogħol leġiżlattiv importanti dwar miżuri biex tonqos l-ispiża għall-installazzjoni ta' networks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja[15] u r-Regolament dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern biex jiffaċilita l-kummerċ elettroniku.

Barra minn hekk, il-Parlament iffinalizza x-xogħol leġiżlattiv dwar titjib fil-protezzjoni tad-data permezz ta' riforma tal-qafas tal-protezzjoni tad-data u r-regoli tas-sigurtà ċibernetika, bl-approvazzjoni tal-ħolqien ta' qafas tas-sigurtà Ewropea tal-ICT, l-organizzazzjoni taċ-ċertifikazzjoni tal-ICT fl-UE, il-promozzjoni tal-investiment f'kapaċitajiet industrijali essenzjali għaċ-ċibersigurtà, garanzija ta' applikazzjoni effettiva tal-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data bħala dritt fundamentali (id-Direttiva (UE) 2016/680) u l-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u l-moviment liberu ta' tali data (ir-Regolament (UE) 2016/679). Dan ir-Regolament għandu l-għan li jikkoreġi l-frammentazzjoni fl-implimentazzjoni tal-protezzjoni tad-data fl-Unjoni kollha, l-inċertezza legali u l-perċezzjoni mifruxa fost il-pubbliku li jeżistu riskji sinifikanti għall-protezzjoni tal-persuni fiżiċi (partikolarment fir-rigward tal-attività online). Dan l-aħħar, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (LIBE) tal-Parlament Ewropew ivvota

[14]Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Novembru 2011 dwar l-internet miftuħ u n-newtralità tan-net fl-Ewropa
[15]Id-Direttiva 2014/61/UE.

favur regoli dwar ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-data personali fil-komunikazzjoni elettronika sabiex tingħata għajnuna lin-negozji[16].

Il-Parlament qed isegwi mill-qrib l-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali tal-istrateġija għal Suq Uniku Diġitali (DSM) min-naħa tal-Kummissjoni u f'dak il-kuntest adotta riżoluzzjoni bit-titlu "Lejn Att dwar is-Suq Uniku Diġitali". Bħalissa l-Parlament qed iwettaq xogħol leġiżlattiv estensiv fuq il-proposti ppreżentati bħala segwitu għall-istrateġija DSM u r-riżoluzzjoni msemmija hawn fuq, biex jiġu indirizzati kwistjonijiet bħall-imblukkar ġeografiku inġustifikat[17], il-konsenja transfruntiera tal-pakketti[18], il-portabbiltà transkonfinali tal-kontenut online[19], ir-reviżjoni tar-Regolament dwar il-Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumaturi[20], is-servizzi tal-midja awdjoviżiva[21], il-kuntratti għall-bejgħ online u bejgħ mill-bogħod ieħor ta' oġġetti[22], u l-kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali[23].

Mariusz Maciejewski / Kristine Næss / Frédéric Gouardères / Arthur-Edouard Hess
04/2020

[16]COM(2017)0010.
[17]COM(2016)0289.
[18]COM(2016)0285.
[19]COM(2015)0627.
[20]COM(2016)0283.
[21]COM(2016)0287.
[22]COM(2015)0635.
[23]COM(2015)0634.